Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8652 — Accuride/mefro wheels)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 105/06)

1. Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Accuride Corporation ("Accuride", l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollati minn fondi ġestiti minn Crestview LLC, l-Istati Uniti tal-Amerka.

— mefro wheels GmbH ("mefro wheels", il-Ġermanja).

Accuride takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' mefro wheels kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-konċentrazzjoni kienet referuta lill-Kummissjoni mill-Ġermanja, skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Ir-referenza kienet suċċessivament konġunta min-Netherlands, il-Polonja u Spanja.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Accuride: manifattur u fornitur mill-Amerika ta' Fuq ta' roti tal-azzar u tal-aluminju u komponenti tar-roti bħalma huma drums tal-brejkijiet, rotors tad-diski tal-brejkijiet u slack adjusters għat-trakkijiet, karozzi tal-linja u trailers kif ukoll vetturi ta' speċjalizzazzjoni u vetturi militari. Hija għandha faċilitajiet tal-produzzjoni fl-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u l-Messiku. Fiż-ŻEE, Accuride tissupplixxi roti tal-azzar għat-trakkijiet, il-karozzi tal-linja u t-trailers permezz tas-sussidjarja tagħha Taljana, Gianetti Ruote li fiha għandha sehem maġġoritarju, u kwantitajiet limitati ta' roti tal-aluminju għall-klijenti, wara l-bejgħ,

— mefro wheels: manifattur u fornitur ta' roti tal-azzar għat-trakkijiet, il-karozzi tal-linja, it-trailers, il-vetturi kummerċjali ħfief u l-karozzi tal-passiġġieri kif ukoll għall-makkinarju tal-kostruzzjoni u dak agrikolu.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8652 — Accuride/mefro wheels

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").